# NISEL IL-KLIEM

ABBA, bies, kelma tat-trabi.

Dessoulavy fil-Word-List tiegħu ma jġibhiex, u Barbera jgħid li hi t-taħsira Maltija ta' l-Isqalli "papà", kelma li missier igħid lit-tarbija tiegħu biex tbusu. Skond Vassalli, donnha "ġejja mill-Kaldajk u mill-Lhudi."

Jiena nfisser "abba" bħala t-taħsira tal-verb "ħabb" li, sew fil-Malti kemm fil-Għarbi, barra "to love", ifisser ukoll "to kiss" (ara Hava). Fil-Malti, nisimgħu ommijiet igħidu lit-trabi tagħhom ħobbni jew ħabbni, (inkella abbni) waħda. L'ħ għebet il-għaliex ħossha tqil għat-trabi, wit-tennija vokalika a-a turi d-drawwa li għandhom it-tfal ċkejknin itennu l-istess ħoss. Għal eżempji aktar minn ilsna oħra, qabbel 'Language' p. 109 ta' Prof. Dr. Otto Jespersen.

AĦ, brother. Hekk id-dizzjunarji Maltin li jimxu fuq Vassalli jfissru dil-kelma li, bħala ħoss, tinstema' biss fis-sens ta' "alas". Aħna għandna aħwa, (brothers) ; l-għadd l-imkattar bla suffissi personali. Għal-għadd il-waħdien għandna ħu+ suffissi pronominali mehmuża, u fil-plural ħut + suffissi pronominali mehmuża. Qabbel dan li ġej minn "Textes de Tanger" ta' Marçais, p. 287 :

"khû" frère est employé uniquement avec les affixes personels, l'idée de "frère" en soi reste a peu pres inexprimable. Le pluriel a Tanger est, ħut, avec de pronoms affixes, ħuti, ħutek etc.=ħut a été tiré de representants dialecteaux de "ikhwa(t)" munie des affixes personels.

F'dan, id-djalett ta' Tanger wil-Malti jaqblu.

AMBA, to require, or make use of something.

It-tifsira ta' Vassalli li dal-verb hu mqassar minn "għamel bi," bħalma, ngħidu aħna, ġieb (he brought) minn "ġie bi," hi l-aħjar tifsira li ntagħtat sassa, u mhemm xejn li juri li għad jista' tingħata oħra aħjar.

It-tifsira li A. Cremona ta fil-'Malti' ta' Ġunju 1939, li dal-verb Malti ġej mill-Għarbi 'abba, b'm mdeffsa, ma nistgħux nżommuha il għaliex sa fil-Libja, mnejn hu jġib xi eżempji ta', mingħalih, użi paralleli, 'abba ifisser biss "to wish"; hekk li hemm tingħad flok 'arâda (M. ried) li qajla jinstema'; fil-waqt li fil-Malti "amba" qatt ma jfisser "to wish" iżda "to require"; "to be in need of; to have use for something" u floku jista' joqgħod dejjem il-verb preposizjonali "għamel bi".

Bħal kieku, "dal-ktieb x'tambieh?" tista' tiġi "dal-ktieb x'tagħmel bih ?" imma qatt ma ngħidu "nambi niekol," flok "irrid niekol."

Tabilħaqq li l-qabża fis-sens mhix kbira wisq, imma xjentifikament ma nistgħux inżommu t-tifsira l-ġdida meta l-prova filoloġika tagħha hi inqas ċara u mwettqa minn dik ta' oħra li ngħatat qabilha.

BAĦĦ. Kelma waħedha mingħajr xenxil, (lonely form without scatter); aktarx tat-tfal, imma jinqdew biha l-kbar ukoll, bħal meta ngħidu "kollox baħħ; la kont tara ruħ u lanqas tisma' ħoss." It-tfal ifissru biha "xejn", "spiċċa". Mingħala Barbera dil-kelma Maltija, li tinstama' fis-Sirja, u fi Sqallija bħala "Baa", ma tinsabx fid-dizzjunarji Għarbin, imma Sp. Bej fid-dizzjunarju tiegħu jagħti "baħħ" (kelma tat-tfal), "there is none! no more! all gone", sew sew bħal fil-Malti.

Dessoulavy jagħti bâh (h ratba) għall-Malti baħħ. Fil-Għarbi baha'a, bahâ jfissru battal (dar).

BAHRAD, to go on the razzle-dazzle; to romp. Sura wżata "tbahrad". Mhix fil W-L. ta' Dessoulavy. Barbera jaħseb li hi magħmula mill-Għarbi "rahdana" ( h ratba) + prefiss sirjan "b." Imma dal-prefiss jintuża biss fil preżent u qatt fil-passat. Nisel il-kelma mhux ċar. Qabbel, għalli jista' jkun, "tabahraġa" to pass, to sweep, by with promp (Hava). Għall-bdil ta' 'ġ' f'd, qabbel il-verb Malti ġedwed (to teem) li jingħad ukoll ġeġweġ, u "sudizzjoni" li l-poplu jgħidha wkoll flok suġezzjoni (Taljan soggezione). Għall-fenomenu fonetiku bil-maqlub, qabbel il-Malti-Sqalli "siġġu", Taljan seggio mal-Latin sedes; "inġiġest" ma' "indigest".

BAGĦBAS. Dal-verb kwadrilitteru li jimxi l-aktar fis-sens ta' "to mishandle something, make a mess of it, spoil it by insistent touching" u, f'xi kontesti, "to pilfer"; jidher ċar li hu maħruġ minn-nom Għarbi "ba'bûs" (s qawwija) finger, unlucky affair, spoke in one's wheel, intrigue (Sp Bey). Qabbel ukoll "ba'bas", to tickle the hind parts. Għas-semantika, qabbel l-użu verbali tan-nom "finger" fl-Ingliż. Il-verb Malti m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-Isqalli "mpapuzzari" kif ifisser Barbera.

BAGĦTAR, to tread through mud; to cultivate a muddy soil. Kelma mejta. In-nisel mhux ċar, iżda t-tifsira ta' Barbera li l-verb Malti hu magħmul mill-prefiss Sirjan "b + agħdar" ma nistgħux inżommuha, sew il-għaliex il-prefiss Sirjan "b" jitħaddem fil-present; kif ukoll il għaliex, fonetikament, id-"d" storika bil-għ quddiemha qatt ma kienet titlef il-leħen u ssir 't'.

Bħal Dessoulavy, jien naħseb li l-verb Malti jista' jitnissel mill-Għarbi baħthar jew bakhthar. "He demolished a watering trough and turned it upside down" (Lane), mnejn setgħet tnisslet it-tifsira Maltija "to tread through mud" u wkoll "lavorare il terreno quando è ancora umido e fangoso per molta pioggia" (Caruana).

BENĠEL, to bruise; to make livid.

Barbera jkaxkar in-nisel minn "b + ġalada' (baġalada). Tifsira ħażina. Ara x'għidna għall-prefiss Sirjan "b" taħt "bagħtar".

Dal verb hu Semitku fis-sura biss, iżda fin-nisel le. Hu verb denominativ maħruġ mill-kelma Maltija misselfa "brinġiela" (egg-plant; "brinjel"), Spanjol berenzana, mingħajr l-"r" maqtula mill-"b" ta' qabilha u mill-għaqda konsonantika "nġ" warajha, u hekk, għandna benġel flok "brenġel". Għal xi ħadd wiċċu ikħal bid-daqqiet, ngħidu li "wiċċu sarlu minn lewn il-brinġiela."

BENNEN, to rock the cradle; benniena, cradle; żewġ kelmiet interessanti u f'das-sens Maltin biss. Għall-forma verbali, rara fid-djaletti Għarbin, qabbel "bannana, élever un enfant" mogħtija minn Comte de Landberg fil-Glossaire Datinois fejn jagħti wkoll il-ħames sura tabannana (qb. M. tbennen, to be cradled) être elevé. Mal-malti benniena qabbel l-Eġizzjan bannânâ, pigeon-hole (Hava).

Barbera jaħseb li "bennen" tinbena mill-prefiss Sirjan b + nanna, kelma Sqallja li tfisser "rqad"!

(*Fadal*)

Ġ. Aquilina